MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-27 ta' April, 2012

Numru. 35/2012

Il-Pulizija
(Sp James Grech)
vs
Dwayne Difesa, iben Charles, imwieled Pieta’ fid-29 ta’ Marzu, 1995, karta ta’ l-identita numru 146595(M)
u
Kane Grima, iben Daren, imwieled Pieta’ fis-6 ta’ Awwissu, 1995, karta ta’ l-identita numru 333095(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputati talli fil-5 ta’ April, 2011 għal ħabta tat-12.15 p.m. ġewwa Triq il-Merkanti, Valletta:
Ikkomettew serq ta’ flus kontanti li ma jeċċedix il-valur ta’ €232.94, liema serq hu aggravate bil-mezz u bix-xorta tal-ħaġa misruqa għad-dannu ta’ Carmelo Demanuele bħala sid tal-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni DAS 353;
Lil Kane Grima, waħdu:

Talli għamel reat li għalih hemm il-piena ta' priġunerija waqt perjodu operattiv ta' ordni ta' probation għal żmien sena, mogħti lilu fit-2 ta' Ġunju, 2010, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta' April, 2012 fejn il-Qorti ġiet infurmata li l-ammont misruq hu €20 u din is-somma ġiet ritornata lil Carmelo Demanuele li min-naħa tiegħu ma għandux interess fil-kawża.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta' April, 2012 fejn l-imputati ammettew l-akkużi rispettivi miġjuba kontra tagħhom.

Semgħet lill-avukati ta' l-imputati dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat Dwayne Difesa ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 261(b)(g), 264(1), 271(g) u 278(1)(2) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum. Issib lill-imputat Kane Grima ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 261(b)(g), 264(1), 271(g) u 278(1)(2) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------